



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET, IL-KONTENUT  
U T-TEKNOĠIJA

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2019  
REV1 – jissostitwixxi l-avviż  
ippubblikat fit-28 ta' Marzu 2018

### AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

#### **IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR L-ISMIJIET TAD-DOMINJU .EU**

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Wara talba mir-Renju Unit, fil-11 ta' April 2019<sup>1</sup> il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) qabel li jestendi aktar<sup>2</sup> il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE sal-31 ta' Ottubru 2019.<sup>3</sup> Dan ifisser li, b'seħħ mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ"), ir-Renju Unit se jkun "pajjiż terz".<sup>4 5</sup>

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni għall-awtoritajiet tal-UE u daww nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi dwar ir-ratifika tal-Ftehim dwar il-Ħruġ,<sup>6</sup> ir-Reġistru ta' Dominju tal-Ogħla Livell .eu, ir-Reġistraturi akkreditati .eu, ir-reġistranti ta' ismijiet ta' dominju .eu, l-applikanti għal ismijiet ta' dominju .eu u b'mod ġenerali l-partijiet ikkonċernati huma mfakkra dwar ir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584, ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1.

<sup>2</sup> Wara talba mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew kien iddeċieda l-ewwel estensjoni fit-22 ta' Marzu 2019 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476, ĠU L 80I, 22.3.2019, p. 1).

<sup>3</sup> Fil-11 ta' April 2019, wara t-tieni talba għal estensjoni mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew iddeċieda wkoll li d-deċiżjoni ta' estensjoni sal-31 ta' Ottubru 2019 ma tibqax tapplika mill-31 ta' Mejju 2019 jekk ir-Renju Unit ma jkunx żamm l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u ma jkunx irratifika l-Ftehim dwar il-Ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019. Peress li r-Renju Unit kien għadu ma rratifikax il-Ftehim dwar il-Ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019, huwa organizza l-elezzjonijiet Ewropej fit-23 ta' Mejju 2019.

<sup>4</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>5</sup> Barra minn hekk, jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi rratifikat miż-żewġ partijiet qabel dik id-data, il-ħruġ isir fl-ewwel jum tax-xahar wara t-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika.

<sup>6</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 144 I, 25.4.2019, p. 1.

Sakemm ma jkunx hemm perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ,<sup>7</sup> b'seħħ mid-data tal-ħruġ il-qafas regolatorju tal-UE għad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu, u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu,<sup>8 9</sup> ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:<sup>10</sup>

## 1. REĠISTRAZZJONI U TIĠDID TA' ISMIJET TA' DOMINJU

Skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 733/2002, kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/517, b'seħħ mid-19 ta' Ottubru 2019 il-persuni li ġejjin huma eliġibbli biex jirreġistraw ismijiet ta' dominju .eu:

- (i) ċittadin tal-Unjoni, indipendentement mill-post tar-residenza tiegħu jew tagħha;
- (ii) persuna fiżika li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni u li tkun residenti fi Stat Membru;
- (iii) impriża li tkun stabbilita fl-Unjoni; jew
- (iv) organizzazzjoni stabbilita fl-Unjoni mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet stabbiliti fir-Renju Unit iżda mhux fl-UE u *ċ-ċittadini ta' pajjiż terz* (jiġifieri nies mhux ċittadini tal-UE-27) li jirrisjeddu fir-Renju Unit mhumiex se jibqgħu eliġibbli li jirreġistraw ismijiet ta' dominju .eu jew, jekk ikunu reġistranti .eu, li jġeddu ismijiet ta' dominju .eu rreġistrati qabel id-data tal-ħruġ.

Reġistraturi .eu akkreditati mhux se jkunu intitolati li jipproċessaw kwalunkwe talba għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid ta' reġistrazzjonijiet ta' ismijiet ta' dominju .eu minn dawk l-impriżi, organizzazzjonijiet u persuni.

## 2. REVOKA TA' ISMIJET TA' DOMINJU RREĠISTRATI

Meta, b'seħħ mid-data tal-ħruġ u bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit, detentur ta' isem ta' dominju ma jibqax jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali skont l-

<sup>7</sup> Ta' min jiftakar li, sabiex japplika l-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Ftehim dwar il-Ħruġ irid ikun irratifikat mill-UE u mir-Renju Unit.

<sup>8</sup> ĠU L 113, 30.4.2002, p. 1.

<sup>9</sup> Innota li l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 733/2002 huwa emendat, b'effett mid-19 ta' Ottubru 2019, permezz tar-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell .eu u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004, ĠU L 91, 29.3.2019, p. 25.

<sup>10</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 ma jeħtieġ li reġistraturi ta' ismijiet ta' dominju .eu jiġu stabbiliti fl-UE. Madankollu, regoli applikabbli oħra tal-UE jistgħu jaffettwawhom. Għal aktar informazzjoni, pereżempju dwar il-kummerċ elettroniku u n-newtralità tal-internet, irreferi għall-“Avvizi għall-partijiet ikkonċernati” rilevanti hawnhekk: [https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness\\_mt](https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_mt).

Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (KE) 733/2002, ir-Reġistru tad- .eu se jkun intitolat li jirrevoka dak l-isem ta' dominju fuq inizjattiva tiegħu u mingħajr ma jibgħat id-disputa għal xi ssetiljar extraġudizzjarju ta' kunflitti f'konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004<sup>11</sup>.

### **3. DRITTJIET LI JISTGĦU JIĠU INVOKATI FIL-PROĊEDURI GħAR-REVOKA TA' REĠISTRAZZJONIJIET SPEKULATTIVI U ABUŻIVI**

Skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) 874/2004, isem reġistrat ta' dominju għandu jkun soġġett li jiġi revokat, permezz ta' proċedura xierqa extraġudizzjarja jew ġudizzjarja, meta dak l-isem ikun identiku jew simili b'tali mod li johlq konfużjoni ma' isem li fir-rigward tiegħu ikun hemm dritt rikonoxxut jew stabbilit b'liġi nazzjonali u/jew tal-Unjoni u meta l-isem reġistrat ta' dominju kien is-suġġett ta' reġistrazzjoni spekulattiva u abużiva kif deskritt f'dak l-Artikolu.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-drittijiet rikonoxxuti jew stabbiliti mir-Renju Unit, iżda mhux mill-Istati Membri tal-UE-27 jew mill-Unjoni, ma jistgħux jibqgħu jiġu invokati fi proċeduri skont l-Artikolu 21(1). B'kuntrast, id-drittijiet rikonoxxuti mill-Istati Membri jew mill-Unjoni, li joriġinaw minn strumenti internazzjonali, bħad-drittijiet li joriġinaw minn Artikolu 6bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali u mill-Artikolu 16(2) u (3) tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali relatati mal-Kummerċ, mhumiex affettwati.

### **4. LIĠI APPLIKABBILI FI FTEHIMIET BEJN REGISTRATORI AKKREDITATI .EU U REĠISTRANTI .EU**

F'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 874/2004, ftehimiet bejn ir-Reġistratur u r-reġistrant ta' isem ta' dominju .eu ma jistgħux jindikaw, bħala liġi applikabbli, xi liġi li ma tkunx il-liġi ta' xi wieħed mill-Istati Membri, u lanqas ma jistgħu jagħżlu xi korp għar-risoluzzjoni ta' dispuți, sakemm ma jkunx magħżul mir-Reġistru tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu skont l-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, u lanqas xi qorti ta' arbitraġġ jew qorti li tinsab barra l-UE.

Jekk xi ftehim bħal dan jindika bħala liġi applikabbli l-liġi tar-Renju Unit, ir-Reġistratur u r-reġistrant ikkonċernati jintalbu biex, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, jemendaw il-ftehim rilevanti b'mod li jkun konformi mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 874/2004.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE għas-suq uniku diġitali (<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/the-top-level-domain-eu>) u [http://ec.europa.eu/ipg/basics/urls/doteu\\_en.htm](http://ec.europa.eu/ipg/basics/urls/doteu_en.htm)) jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar

<sup>11</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 tat-28 ta' April 2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju ta' l-Ogħla Livell the.eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 40).

ir-regoli li jikkonċernaw id-Dominju tal-Ogħla Livell .eu. Dawk il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija